**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Mejju, 2016

Rikors Guramentat numru : 208/15 AL

**A V D H**

**Vs**

**Dr Mark Mifsud Cutajar u il-PL Daniel Aquilina nominati b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2015 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti B C u l-minuri E N, id-Direttur tar-Registru Pubbliku u Dr Leontine Calleja u il-PL Katrina Zammit Cuomo nominati b'digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti P N L ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

Illi minn relazzjoni intima qasira bejnu u bejn l-intimata B C nhar it-3 ta' Gunju 2014 twieled il-minuri E (Dok A);

Illi fil-mument li twieled il-minuri E, ir-relazzjoni ta' bejn ir-rikorrent u l-omm kienet intemmet u fil-fatt din tal-ahhar kienet marret lura mal-partner taghha P N mil-liema hija precedentement kellha bint ohra;

Illi minkejja li l-minuri huwa iben ir-rikorrent, l-intimata omm u l-ekspartner taghha, kienu ddecidew li lill-minuri E jirregistrawh fuq l-intimat P N u dan biex iz-zewg minuri ulied l-intimata B C jkollhom l-istess kunjom;

Illi minkejja li l-minuri ma kienx intestat bhala l-wild bijologiku u naturali tal-esponent, l-intimata B C kienet okkazjonalment thalli lill-esponent iqatta' hin ma' ibnu u fil-fatt huwa kien ilu jitkarrbilha biex tikkoopera mieghu sabiex ikun jista' jirrikonoxxi lill-ibnu;

Illi sussegwentement l-intimati B C u P N kienu telqu lura lejn il-Latvia, fejn sussegwentement temmew ir-relazzjoni taghhom;

Illi recentement, l-intimata B C fuq insistenza tal-esponent irritornat brevement gewwa l-Gzejjer Maltin u accettat li flimkien mal-minuri u l-esponent tersaq ghat-testijiet xjentifici biex tigi stabbilita` l-paternita` tal-minuri E u fil-fatt kif juri l-anness rapport mahrug mit-Tabiba Dr Marisa Cassar (Dok B), jirrizulta illi l-esponent huwa l-missier naturali u bijologiku tal-istess minuri;

Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimata B C anke resqet quddiem id-Deputati tar-Registru tal-Qorti tal-Familja u kkonfermat u ammettiet, permezz ta' affidavit appozitu, il-premessi mressqa mir-rikorrenti (Dok C);

Illi tant il-minuri E huwa iben ir-rikorrent, li l-intimata B C sahansitra ser thalli lill-minuri gewwa Malta mieghu biex b'mod permanenti iqatta' hin mieghu, u dan minkejja li hija ser tirritorna lura gewwa pajjizha u cioe` l-Latvia;

Illi ghalhekk qed issir l-prezenti procedura sabiex;

(i) Fl-ewwel lok jigi stabbilit u ddikjarat illi l-minuri E maghruf bil-kunjom N huwa effetivament il-wild naturali tal-attur A V D H u mhux bin il-konvenut P N kif indikat fl-att tat-twelid tieghu;
(ii) Konsegwentament jigi korrett l-att tat-twelid tal-istess minuri sabiex jirrifleti din il-verita` dwar il-paternita` tieghu;

Talab in vista tas-suespost li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur A V D H huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri E maghruf bil-kunjom N u konsegwentement:

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri E N billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri jigu kkancellati l-kliem "P N" u jigu sostitwiti b'isem u kunjom l-attur u cioe` "A V D H" u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta`, ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Tordna li l-kunjom tal-minuri mil-lum 'il quddiem jibda jinqara "V D H Arhipov";

4. Tordna jekk ikun il-kaz, il-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Mark A. Mifsud Cutajar u il-PL Daniel Aquilina, li *in forza* taghha eccepew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Mark A. Mifsud Cutajar u il-PL Daniel Aquilina;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Leontine Calleja u il-PL Katrina Zammit Cuomo, li *in forza* taghha eccepew:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti li gew iddikjarati u ghalhekk jirrizervaw illi jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rapprezentati;
2. F'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandu dwar indirizz ta' P N;
3. Illi l-esponenti tirriserva illi tissottometti risposta ulterjuri aktar tard, f'kaz li jirrizulta matul il-kawza;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Leontine Calleja u il-PL Katrina Zammit Cuomo;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponent jistqarr li għalkemm ir-rikorrent ippreżenta r-rapport ta' testijiet ġenetiċi li jindikaw li huwa il-missier naturali tal-minuri *'E N'* ai termini tal-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** dan l-imsemmi rapport jonqos li jiġi maħluf mit-tekniku Dr. Marisa Cassar;

2. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jistieden lil konvenut A V D H sabiex

jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-Identita, (2) ismu u kunjomu, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri E N, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri E N. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferit minuri E N, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, seba' mija, disgħa u għoxrin (2729) tas-sena elfejn u erbatax (2014);

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost, għalkemm ir-rikorrent speċifika fit-tielet talba tiegħu illi jixtieq li l-minuri E N jibda jassumi l-kunjom 'V D H Arhipov', l-esponent xorta jeċċepixxi illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri E N a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi mingħajr preġudizzju, sabiex ikun hemm bdil f'kull att ieħor tal-istat ċivili, hekk kif ġie propost fir-raba' talba tar-rikors in risposta, ir-rikorrent għandu jispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li huwa qiegħed jagħmel riferenza għalihom;

**5.** Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**6.** Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex ic-certifikat tal-minorenni E N imwieled fit-3 ta Gunju 2014 jigi emendat, fis-sens li missier l-istess minorenni ma jiqbax jidher bhala P N, izda jibda jidher bhala l-wild naturali ta' l-attur A V D H. Il-konvenuti B C u P N huma rapprezentati mill-kurtaturi deputati stante li jinsabu barra minn Malta.

**Il-mertu tal-kaz**

Din il-Qorti tirrileva li minn relazzjoni qasira li kellu l-attur mal-konvenuta B C, twieled il-minuri E fit-3 ta' Gunju 2014[1]. Il-konvenuta tghid[2] li meta twieldet it-tarbija hija kienet lahqet temmet ir-relazzjoni minn ma' l-attur u kienet irritornat f'relazzjoni mal-konvenut l-iehor Pavel N, li mieghu kellha tifla. Ghalhekk irragunat li ladarba irritornat mal-konvenut l-iehor N, li tirregistra lit-tifel E f'isem il-konvenut l-iehor Pavel Anikinx, biex

[1] Ara fol 7 tal-process

[2] Ara affidavit tal-konvenuta a fol 10 tal-process

it-tfal taghha jkollhom l-istess kunjom, minejja li kienet taf li l-attur kien missier it-tifel E.

L-attur u l-konvenuta C ressqu privatament ghat-test xjentifiku tad-DNA biex jistabilixxu l-paternita' ta' l-istess minuri. Mit-test tad-DNA[3] esebit, gie ikkonfermat li l-minuri E huwa verament il-wild naturali tal-attur A V D H. Dan it-test gie ikkonfermat bil-gurament[4] u ghalhekk ma hemm l-ebda kontestazzjoni fuqu.

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, din tittratta l-mertu tal-kaz odjern, u din il-Qorti tirrileva li l-attrici irnexxielha tipprova t-talbiet taghha u dan stante li huma ippruvati mit-test tad-DNA esebit in atti li juri li verament il-minuri E N m'huwiex il-wild naturali ta' l-intimat Pavel N izda huwa l-wild naturali ta' l-intimat A V D H.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni, il-Qorti tirrileva li l-attur ipprezenta nota[5] li permezz taghha qieghed jiddikjara li meta twieled il-minuri E, l-attur A V D H kellu 34 sena, kien residenti fil-lokalita ta' Birzebbuga filwaqt li missierhu jismu K V D H (li kien haj fiz-zmien meta twieled il-minuri). Id-data tat-twelid ta' l-attur hija t-18 ta' Lulju 1979 u li ghandu l-karta ta' l-identita' numru 116645(A), li twieled fil-lokalita' ta' Wetteren, Il-Belgju. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni giet sorvolta wkoll;

Illi rigward it-tielet eccezzjoni, l-attur xehed permezz ta' affidavit[6], li jixtieq li kunjom il-minuri jkun dak ta' "V D H Arhipov"

---

[3] Ezebit a fol 8 tal-process

[4] Ara fol 53 tal-process meta Dr. Marisa Cassar Blundell tikkonferma l-istess test esebit a fol 8 tal-process bil-gurament taghha permezz t'affidavit

[5] Esebita a fol 63 tal-process

[6] Ezebit a fol 62 tal-process

u l-konvenuta taqbel mieghu kif xehdet hija stess[7]. Ghalhekk dan il-kunsens bejn il-partijiet jaqa' fil-parametri legali ta' l-Artikolu 92(6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li jibda juza' dan il-kunjom;

Illi rigward ir-raba' eccezzjoni, dan ic-certifikat huwa anness mar-rikors guramentat u ipprezentat fl-atti tal-kawza[8] u ghandu n-numru t'iskrizzjoni elfejn seba' mija, disgha u ghoxrin tas-sena elfejn u erbatax (2729/2014);

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet kollha attici u konsegwentement:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minorenni E N huwa l-wild naturali u bijologiku ta' l-attur A V D H;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-Twelid tal-minuri E N bi-numru t'iskrizzjoni 2729/2014, ihassar il-konnotati kollha tal-missier u cioe' ta' P N u minflok jissostitwihom bid-dettalji kollha ta' A V D H , bil-karta ta' l-identita' numru 116645(A), iben K V D H li kien haj fiz-zmien meta twieled il-minuri, imwieled f'Wetteren il-Belgju u li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu 34 sena u kien residenti Birzebbuga;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-minorenni E N ghandu jadotta l-kunjom "V D H Arhipov" minflok "N", bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 92(6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[7] Ara affidavit a fol 10 tal-process

[8] Ara fol 7 tal-process

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba.

Bl-ispejjez kollha ghandhom jithallsu bejn il-konvenuti N u C in solidum bejniethom; b'dan illi provvizorjament l-attur ghandu jhallas l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' kuraturi deputati.

Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella-Baldacchino
Deputat Registratur